DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 3

## IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (*Option*) ĦIN: Siegħa u Nofs

**Isem: ______________________ Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet (A, B, Ċ, D u E). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġibiet tat-Taqsimiet Ċ, D u E fuq karta separata.**

### Taqsima A

**Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ir-reklam | l-identità | saħħa | l-Ewwel Dinja | valuri |
| komunikazzjoni | normi | soċjetà | gvern | primarju |

1. ______________________ hija dik il-miġemgħa ta' individwi li huma mmexxija minn liġijiet u dmirijiet.
2. Is-soċjetà nbidlet bis-sħiħ hekk kif ġew żviluppati mezzi ġodda ta' ______________________ bħar-radju, it-televiżjoni, il-vidjow u l-internet.
3. ______________________ Maltija hija magħmula minn storja, reliġjon u kultura.
4. Il-bdiewa u s-sajjieda nsibuhom fis-settur ______________________.
5. Meta jitla' partit fil-______________________ ikollu d-dmir li jwettaq dawk il-liġijiet li wiegħed lill-poplu.
6. Il-WHO qiegħda taħdem kontinwament biex tgħolli l-livell ta' ______________________ fil-pajjiżi kollha tad-dinja.
7. ______________________ huwa dak li jiġbed l-attenzjoni b'avviż pubbliku bil-għan li jinbiegħ prodott jew servizz.
8. ______________________ tikkonsisti fl-aktar pajjiżi industrijalizzati, u għalhekk l-aktar żviluppati.
9. ______________________ huma prinċipji li jiggwidawna fit-tajjeb u fil-ħażin fil-ħajja.
10. Regoli ta' mġiba li kull persuna mistennija ssegwi mis-soċjetà jissejħu ______________________.

**(1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima B**

**(i) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:**

**1. Il-komunità tiffunzjona tajjeb**

a) meta kulħadd jgħin lil xulxin

b) meta naħsbu għal rasna

ċ) meta ċ-ċittadin ma jagħtix kas tal-valuri.

**2. Pajjiżi tat-Tielet Dinja huma**

a) pajjiżi b'popolazzjoni żgħira

b) fqar

ċ) sinjuri.

**3. Il-ħin ħieles huwa tajjeb għax nużawh biex**

a) ma nagħmlu xejn

b) niżviluppaw xi talent

ċ) nitilfu l-ħin.

**4. Ġustizzja soċjali tfisser li**

a) tieħu dak li ħaqqek

b) tkun dipendenti fuq ħaddieħor

ċ) ma tieħu xejn.

**5. Ix-xogħol volontarju huwa**

a) xogħol bi ħlas

b) xogħol bla ħlas

ċ) divertiment.

**6. F'soċjetà demokratika, il-gvern ċentrali huwa grupp**

a) li jamministra bla ma jikkonsulta lil ħadd

b) li jamministra lill-pajjiż fejn jidħlu deċiżjonijiet tal-Istat

ċ) li jieħu deċiżjonijiet fuq bażi lokali.

**7. Demokrazija hija**

a) fejn hemm gvern li jikkontrolla kollox

b) fejn wieħed jagħmel li jrid

ċ) fejn titħaddan il-libertà tal-għażla, tal-kelma, tal-vot u tal-moviment.

**8. L-identità Maltija turi li aħna**

a) Amerikani

b) Maltin

ċ) Franċiżi.

**9. Liema minn dawn hija kooperattiva?**

a) numru ta’ bdiewa u sajjieda

b) xirka fejn dawk li jaħdmu huma wkoll sidien

ċ) grupp ta’ impjegati li jikkooperaw flimkien fix-xogħol.

**10. Min huwa l-kummerċjant?**

a) persuna li tuża oġġetti u servizzi

b) metodu kif isir il-prodott

ċ) persuna li tipprovdi prodott jew servizz. **(1 x 10 = 10 marki)**

**(ii) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt Veru jew Falz:**

1. Propaganda tfisser tixrid ta’ informazzjoni u tagħrif permezz ta’ kitba jew diskors fil-*media*. Veru/Falz
2. Gvern totalitarju hija tmexxija fejn kulħadd jagħmel li jrid. Veru/Falz
3. Is-servizzi tas-saħħa pubbliċi huma bi ħlas. Veru/Falz
4. Iċ-ċittadin għandu drittijiet biss xi jgawdi. Veru/Falz
5. Ir-reklami jsiru sabiex nieħdu gost narawhom. Veru/Falz
6. L-etika tax-xogħol tfisser li jkollok imġiba korretta fuq il-post tax-xogħol. Veru/Falz
7. Soċjetà konsumerista hija dik is-soċjetà li tixtri mingħajr rażan. Veru/Falz
8. L-isptar Mater Dei jinstab f’Għawdex. Veru/Falz
9. L-industrija tat-tessuti hija l-industrija tad-drappijiet u l-ħwejjeġ. Veru/Falz
10. L-eżerċizzju huwa importanti għalina għax naħlu l-ħin. Veru/Falz

**(1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA:**

1. X’inhu partit politiku? (4)
2. X’tifhem bil-kelma **pluraliżmu tal-mezzi ta’ komunikazzjoni**? (4)
3. Min huwa r-refuġjat? Xi drittijiet għandhom ir-refuġjati meta jissetiljaw f’pajjiż ieħor? Spjega billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji. (2,1,1)
4. Xi tkun it-**Taqsima tal-Kura Preventiva**? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta’ xogħol li twettaq din it-taqsima. (2,1,1)
5. Fisser x’inhi l-Kostituzzjoni. Kemm fiha kapitli l-Kostituzzjoni ta’ Malta? Liema kapitlu jitkellem dwar id-Drittijiet tal-Bniedem? (2,1,1)

**20 marka**

**Taqsima D**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

*L-ekonomija hija dik l-attività li tipproduċi l-ġid tal-pajjiz. Dan jiddependi ħafna mill-pjan politiku (policy) tal-gvern ta' kif jitqassam il-ġid u kif iċ-ċittadini, bħala konsumaturi, igawdu prodotti u servizzi ta' kwalità tajba. Ġeneralment, il-gvern ifassal dan il-pjan politiku bil-kollaborazzjoni tat-trade unions u tal-għaqdiet ta' min iħaddem. Dawn it-tliet imsieħba soċjali jippruvaw jaħdmu flimkien bi ftehim ma' xulxin. Il-gvernijiet jistgħu jaddottaw politika ekonomika differenti skont il-ħtiġijiet soċjali u politiċi tal-mument fil-pajjiż tagħhom.*

(Addattat min-*Noti dwar is-sillabu* tal-Istudji Soċjali)

1. Fisser x'inhi ekonomija. Semmi **TLIET** setturi tal-ekonomija ta' pajjiż. (2,1,1,1)
2. Min huma l-imsieħba soċjali? Kif jirnexxilhom l-imsieħba soċjali jaħdmu bi ftehim ma' xulxin? (3,2)
3. Xi rwol għandhom l-imsieħba soċjali fid-dinja tax-xogħol? Spjega billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji. (3,1,1)
4. Fisser x'inhi *trade union* u agħti **TLIET** eżempji. (2,1,1,1)

5a) X'miżuri ġeneralment jieħdu l-gvernijiet biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla barra fit-tqassim tal-ġid? (3)

b) Semmi **ŻEWĠ** servizzi li jingħataw mill-gvern. (1,1)

**25 marka**

**Taqsima E**

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin u ikteb madwar 200-250 kelma dwaru.**

1. L-għaqdiet volontarji jipprovdu servizzi soċjali liċ-ċittadini tal-pajjiż. Agħżel **TNEJN** minn dawn u ddiskutihom fid-dettall.
2. Il-*mass media* għandhom erba' funzjonijiet ewlenin. Semmihom u ddiskutihom fit-tul.
3. Iddiskuti kif il-barranin qed jinfluwenzaw lill-Maltin fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

**25 marka**